NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ - Għawdex*

Novembru - Diċembru 2008 Nru 165

University of Malta Library



# Insellmu lill-Kan. Joe Mejlak

## (1944-2008)

Waqt li din il-ħarġa kienet sejra għall-istampa waslitilna l-aħbar tal-mewt ħesrem tal-Kan. Joe Mejlak, saċerdot u kanonku tal-parroċċa ta' San Ġorġ, nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2008, fil-għodu kmieni. Il-Kan. Mejlak, magħruf fost kulħadd għall-kitbiet sbieħ tiegħu, spiss ippubblika xogħlijiet tiegħu fuq ir-rivista *Il-Belt Victoria*. Fil-ħarġa li jmiss ninkludu iżjed tagħrif fuqu u fuq il-funeral li sarlu nhar il-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2008 fil-bażilika ta' San Ġorġ. Agħtih, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

*Rapport sħiħ fil-ħarġa li jmiss.*



## IL-KOR TAL-BAŻILIKA F'PARIĠI

*Rapport f'paġni 4 u 5*

## F'din il-ħarġa

**San Ġorġ: Ħamsin sena Bażilika (6)** 8
*L-aħħar artiklu fis-sensiela*

San Ġorġ fl-istampa 12

Malta



Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex.**
Tel: 21 556 377 • Fax: 21 556 981
email: info@ilbeltvictoria.org
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

### Membri ġodda fil-komunità parrokkjali

09/11/2008 **Thiago Jo**, bin Cynthia Saliba u Joseph Said
30/11/2008 **Dorothy**, bint Jonathan Spiteri u Georgiana Debattista
06/12/2008 **Andrew**, bin John Grima u Maria Grech
20/12/2008 **Sienna**, bint Joseph Cremona u Veronica Vella
25/12/2008 **Mia-Joy**, bint Maria Grima u Jeremy Vella

### Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ

18/10/2008 **Horace Micallef** u **Darlene Sammut**

### Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt

04/11/2008 **Gina Galea**
07/12/2008 **Salvina Rapa**
12/12/2008 **Angelo Spiteri**
14/12/2008 **John Cauchi**
18/12/2008 **Kan. Joseph Mejlak**
24/12/2008 **Emanuel Camilleri**

**Nifirħu lil**

- Dun Geoffrey George Attard, saċerdot mill-parroċċa tagħna, li b'effett minn Novembru 2008 l-isqof Mons. Mario Grech ħatru vigarju koperatur fil-parroċċa ta' l-Assunta, iż-Żebbuġ. Minn Settembru li għadda wkoll Dun Geoffrey hu għalliem fis-Seminarju Minuri ta' Għawdex.
- Simon M. Cachia, seminarista tal-parroċċa tagħna, li l-Ħadd 7 ta' Diċembru 2008 irċieva l-ministeru ta' l-Akkolitat waqt konċelebrazzjoni solenni ppreseduta mill-isqof Mons. Mario Grech fil-knisja parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa Tas-Sokkors, Ta' Kerċem.
- Christabel Attard, li għadha kemm kisbet *Master* fl-Edukazzjoni mill-Università ta' Malta.
- Il-bord editorjali jixtieq jifraħ lil membru tiegħu, Andrew Formosa, li f'Diċembru 2008 iggradwa b'Baċellerat (Unuri) fil-Ġografija mill-Università ta' Malta.

**Insellmu lil**

- Il-Kan. Joe Mejlak, membru tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ, li miet nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2008, fl-età ta' 64 sena.

**Ħajr tar-ritratti:** Joe Attard, Andrew Formosa, George Saguna.

# Editorjal

## Il-Pjazza fi ħsieb l-awtoritajiet

Pjazza San Ġorġ, waħda mill-pjazez ċentrali ta' għiritna, spiss sfat fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet u tal-poplu ta' Għawdex. U hekk jixirqilha tassew. L-istorja wrietna kif din il-pjazza rifsu fuqha ħakkiema u minnha saħansitra l-għadu attakka s-swar Medjevali li għandna fir-Rabat. Fost l-oħrajn nafu bil-fdalijiet li nstabu mill-arkeologu Dr David Trump, awtorità indiskussa f'dan il-qasam, tefgħa ta' ġebla biss 'il bogħod minn din il-pjazza, jiġifieri fi Pjazza Indipendenza, magħrufa bħala "It-Tokk"; fdalijiet li jiħduna lura lejn l-epoka Rumana. Għalhekk ma jistax wieħed jiskredita u jnaqqas mill-importanza ta' din il-pjazza storika ta' beltna. Mhux aħna, imma l-istorja qed titkellem! Kif titkellem bla waqfien fuq il-parroċċa ta' San Ġorġ, "il-parroċċa ta' Għawdex".

F'dawn l-aħħar ġimgħat qegħdin naraw il-pjazza tiġi msebbħa biex tingħata lura lill-poplu b'dehra isbaħ, kif jixirqilha. Sa minn qabel tnieda l-proġett f'Ottubru tqanqlu spekulazzjonijiet sħaħ fuq l-estetika, fuq kemm mistenni jtul ix-xogħol, fuq il-funtana, u fuq aspetti oħra. Ħafna minn dawn il-mistoqsijiet twieġbu fl-intervista li dan il-ġurnal għamel mas-sindku Robert Tabone. *Il-Belt Victoria* fil-fatt kienet l-ewwel pubblikazzjoni li fiha dehret il-pjanta tal-pjazza kif ukoll dik tal-funtana. Waħda mill-mistoqsijiet li għamel dan il-ġurnal kienet jekk humiex sa jsiru skavi biex insiru nafu aktar fuq l-istorja ta' din il-pjazza. Is-Sur Tabone qalilna – u nikkwotaw – li "jagħmel sens li la qed tinqala' l-pjazza għandhom isiru l-istudji storiċi". Insaqsu l-lum lill-kunsill lokali kemm saru sforzi biex isiru dawn "l-istudji storiċi". Nistħarrġu wkoll b'liema reqqa saru dawn l-istudji, jekk saru, u jekk tħalliex ħin biżżejjed biex isir ix-xogħol kollu meħtieġ. Smajna li kellu jsir xi skavar quddiem it-taraġ ta' San Ġorġ, kif ukoll li sa tinstab parti mill-pjazza fejn tkun tista' ssir aktar riċerka arkeoloġika mill-ftit li saret, mingħajr ma ttellef wisq mill-ħajja normali tal-pjazza. U issa li l-pjazza ngħatat il-konkos, sa jsir xi skavar?

Qed nagħmlu dawn l-osservazzjonijiet bl-għan ġenwin li nwasslu l-leħen ta' min għandu għal qalbu l-istorja ta' pajjiżna, lil hemm minn kull xorta ta' parrokkjaliżmu partiġjan. Aħna nafdaw fil-kunsill lokali tal-belt Victoria, li nafu kemm għandu għal qalbu lil din beltna, waqt li napprezzaw qatigħ ix-xogħol kollu li dan għamel sabiex dan il-proġett sa fl-aħħar qed isir. Nafu li sa tiġi stallata wkoll sistema ġdida ta' illuminazzjoni, u din ġiet fdata fl-idejn professjonali ta' Stefano dall'Osso, l-istess persuna li ħadet ħsieb l-istallazzjoni tad-dawl fil-bażilika Ġorġjana. Nawguraw li dan l-appell ma jaqax fuq widnejn torox imma li l-awtoritajiet jieħdu l-azzjoni meħtieġa u mwiegħda, dejjem jekk m'hux tard wisq!

Fl-aħħarnett nixtiequ niddedikaw dawn l-aħħar ftit linji lilkom, qarrejja ta' dan il-ġurnal, biex nawgurawlkom il-Milied it-tajjeb u sena ġdida mimlija riżq u hena. Inħeġġukom, bħal dejjem, tattendu għall-funzjonijiet li jsiru fil-bażilika tagħna f'dan iż-żmien sabiħ u għażiż tas-sena.

# Messaġġ mill-Arċipriet
## Mons. Pawlu Cardona

cardonapaul@gmail.com



## Festa li tgħolli l-ħajja

Għeżież membri tal-parroċċa tagħna u qarrejja kollha ta' *Il-Belt Victoria*,

Bħalissa l-Knisja kollha qed tikkonċentra l-ħarsa ta' fidi tagħha lejn il-festa tant għażiża tal-Milied u tistedinna sabiex nifirħu flimkien ma' l-anġli li taw lir-rgħajja l-aħbar straordinarja tat-twelid tal-Feddej tagħna fl-għar ta' Betlehem. Fil-maxtura sabu l-Għimmanu-El, "Alla magħna", il-Ħallieq ta' kollox li sar ħlejqa bħalna.

Nistgħu ngħidu li l-Milied huwa festa ċċelebrata kullimkien u minn kulħadd, ukoll minn dawk li ma jemmnux, għad li jaraw f'din iċ-ċelebrazzjoni Kristjana xi ħaġa straordinarja u li ġejja mill-għoli, u tmiss il-qalb tal-bniedem. Hija l-festa li tgħolli l-ħajja. It-twelid ta' tifel ċkejken hu dejjem fatt li jġib il-ferħ, joħloq kommozzjoni u attenzjoni partikulari lejn it-tarbija. Il-Milied għalina l-Kristjani huwa l-laqgħa tagħna ma' din it-tarbija f'dan l-għar fqir u mwarrab. Kull darba li nħarsu lejh fil-presepju kif ma nistgħux ma nġibux quddiem għajnejna lil tant tfal li l-lum jitwieldu fil-faqar f'tant postijiet fid-dinja? Oħrajn ma jiġux milqugħa, jekk mhux ukoll imwarrba, bil-ħtieġa ta' kura u għajnuna sabiex ikomplu jgħixu. Kif nistgħu ma naħsbux f'tant familji li jixtiequ li jkollhom tfal u ma għandhomx!

Il-Milied fi żmienna jirriskja li jitlef is-sens spiritwali tiegħu, għax ħafna attenzjoni qed tingħata lit-tiżjin, ix-xiri, l-għoti tar-rigali u l-bqija! Dan ma jfissirx li ma nistgħux ngħixu u niskopru s-sempliċità, il-ħbiberija u s-solidarjetà, il-valuri tipiċi tal-Milied. Tista' tkun għalina okkażjoni sabiex nilqgħu bħala rigal personali l-messaġġ ta' tama li jiġi mit-twelid ta' Kristu.

Dan kollu m'hux biżżejjed, għaliex aħna nafu li l-Milied huwa l-ġrajja ċentrali ta' l-istorja ta' l-umanità: l-Iben ta' Alla sar bniedem għas-salvazzjoni tagħna. Il-papa San Ljun il-Kbir f'waħda mill-omeliji tiegħu tal-Miled qal: "Ejjew nifirħu fil-Mulej, għeżież tiegħi, u nifthu qalbna għal ferħ l-aktar bnin. Għaliex deher il-jum li għalina jfisser il-ħelsien ġdid, it-tħejjija qadima, il-ferħ etern. Fil-fatt jiġġedded għalina ta' kull sena l-misteru kbir tas-salvazzjoni tagħna, li, imwiegħed fil-bidu u mogħti lilna fil-milja taż-żminijiet, għandu jibqa' għal dejjem" (*Omelija* XXII).

Hekk għallimna San Pawl fl-ittri tiegħu: "Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi... biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied" (Gal 4:4). "Jekk aħna wlied ta' Alla, aħna wkoll werrieta, werrieta ta' Alla, werrieta ma' Kristu: ladarba aħna nbatu miegħu, biex miegħu nkunu gglorifikati" (Rum 8:17).

Fuq kulħadd huwa San Ġwann fil-Vanġelu tiegħu li jirrifletti fuq il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni. Din hi r-raġuni għaliex il-Prologu tal-Vanġelu tiegħu sa minn żmien qadim ħafna jagħmel parti integranti mil-liturġija tal-Milied: jesprimi s-sinifikat veru tal-Milied. Hekk jikteb: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna" (1:14).

Jeħtieġ li fil-Milied ma nagħmlux biss tifkira tat-twelid ta' xi ħadd importanti; ma niċċelebrawx sempliċiment u b'mod astratt il-misteru tal-ħajja; tant anqas niċċelebraw bidu ta' żmien ġdid. Fil-Milied jeħtieġ niċċelebraw ħaġa tassew importanti għall-fidi Kristjana, kif għallimna San Ġwann innifsu: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna".

Dan għalina hu raġuni ta' ferħ kbir: "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3:16). Fl-għar ta' Betlehem Alla jippreżenta ruħu bħala tarbija ħalli jirbaħ is-suppervja tagħna, ħalli jagħmilna ħielsa u kapaċi nħobbuh liberament.

Għeżież, il-Milied hu għalina okkażjoni speċjali sabiex nirriflettu fuq is-sinifikat u l-valur tal-fidi. Ejjew inħejju ruħna għall-Milied imqaddes b'umiltà u b'sempliċità, ħalli nilqgħu d-don ta' Alla. Ejjew nilqgħu l-Milied ta' Kristu bħala okkażjoni sabiex inġeddu ħajjitna. Il-laqgħa tagħna ma' Ġesù Tarbija għandha tagħmel minna persuni li ma jaħsbux biss fihom infushom, imma huma miftuħa għall-ħtiġijiet ta' ħuthom. Hekk insiru aħna wkoll xhieda tad-dawl li idda fil-Milied fuq il-bnedmin kollha.

Nitolbu lil Marija Santissma u lil San Ġużepp jgħallmuna kif għandna nistennew u nilqgħu dan it-twelid ta' Ġesù Tarbija f'dan il-Milied imqaddes. Il-Milied it-tajjeb u s-sena t-tajba lil kulħadd. Il-Mulej iberikkom.



### Vigarju Parrokkjali ġdid

Mons. Mario Grech, isqof ta' Għawdex, għadu kemm ħatar lil Dun Dominic M. Sultana, mill-parroċċa tax-Xagħra, vigarju parrokkjali fil-komunità tagħna. Dun Dominic ġie ordnat saċerdot f'Ġunju 2005 u fl-aħħar tliet snin kien Ruma biex kompla bl-istudji tiegħu fil-Fakultà Pontifiċja *Teresianum*. Nilqgħuh fostna u nawgurawlu, waqt li nwiegħduh it-talb tagħna fil-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġorġ.

**Nirringrazzjaw lil**

- Xi benefatturi li ħallsu puġġaman tal-kawba' għat-taraġ tas-sala parrokkjali. Ix-xogħol fl-injam inħadem għand Joseph Attard ta' *Ta' Giovanni Attard and Sons Woodworks*.
- Vitorina u Maria Attard li ħadmu u taw b'donazzjoni biċċa drapp tal-bizzilla għall-użu tal-bażilika.
- Xi benefatturi li ħallsu għal sistema ta' Wi-Fi u *scanner* ġdid għall-uffiċċju parrokkjali.

# "Malta's finest choir" f'"Paris' finest sacrarium" Il-*Laudate Pueri* f'*Les Invalides*

minn **K.S.**

L-aħħar suċċess li kiseb il-kor tal-bażilika tagħna *Laudate Pueri*, f'sensiela twila ta' kisbiet simili li l-kor wettaq b'unur u b'ġieħ għall-bażilika Ġorġjana, għall-belt tagħna, għal gżiritna u għal pajjiżna f'Ruma, Londra u New York fost oħrajn, kien fil-belt kapitali Ewropea tal-kultura, eleganza u *grandeur*: Pariġi.

M'hemmx mod aktar adattat sabiex tipprova tiddeskirivi l-mawra kulturali f'Pariġi, frott ta' stedina speċifika ta' l-Ambaxxatriċi Maltija għal Franza, Dr Vicki-Ann Cremona, mill-kelma "trijonf". Kien trijonf garantit: għalhekk ġie mistieden il-kor tal-bażilika tagħna. U bir-raġun kollu l-Ministru għall-Edukazzjoni u Kultura l-Onor. Dolores Cristina fl-introduzzjoni li għamlet fis-serata ta' l-unur, li matulha l-kor esebixxa ruħu f'kunċert memorabbli, iddeskriviet lill-kor bħala *"Malta's finest choir"*. Ma kellha l-ebda dubju. U ma-jrid ikollok l-ebda dubju biex qabel ma jibda kunċert ikollok il-kuraġġ li tiddeskrivi kor bħala *"Malta's finest"* lill-udjenza magħżula, irraffinata u ta' kultura għolja li mliet il-katidral ta' St Louis fil-famuż *Les Invalides*! Wieħed jasal biex isejjaħ kor bħala *"Malta's finest"* wara li jkun qata' figura tajba u jkun qala' l-kunsens tal-platea. Iżda li qabel ma jkanta nota ssejjaħlu *"Malta's finest"* altru li ma jrid ikollok lanqas l-iċken dell ta' dubju fuq l-eżitu ta' l-eżekuzzjoni. U l-kor taha raġun u patta l-fiduċja sħiħa li l-istat Malti, irrappreżentat mill-Ministru u minn dinjitajiet għolja Maltin, fosthom parlamentari miż-żewġ naħat tal-kamra, għal darb'oħra wera fit-talenti tiegħu u ta eżekuzzjoni impekkabbli ta' mużika Barokka Maltija u mużika kontemporanja, xogħol tal-Prof. Joseph Vella.

Il-kunċert kien wieħed mis-serje ta' inizjattivi kulturali ta' l-ogħla livell possibbli li ġew organizzati fil-kapitali Franċiża sabiex tiġi ċċelebrata b'mod dinjituż il-presidenza Franċiża ta' l-Unjoni Ewropea. Il-kor kien ikkummissjonat itella' kunċert li jkun wirja ta' xogħlijiet Maltin ta' żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann u taż-żmien kontemporanju. Il-kor, li proprju jispeċjalizza f'kompożizzjonijet ta' dawn l-epoki, ippreżenta xogħlijiet ta' Balzano u Mataron li jgħajtu għall-perjodu Barokk, u xogħlijiet li l-Prof. Vella kkompona speċifikament għall-kor. Ta' min isemmi li l-kor tagħna



kien strumentali sabiex il-qawmien mill-ġdid li s-surmast Vella beda fis-snin tmenin ta' dawn il-kompożizzjonijiet li kienu nkitbu għall-użu esklussiv tal-katidral ta' l-Imdina u li kienu ntesew għal kollox, ikun jista' jasal fil-punt ta' eċċellenza li jinsab fih il-lum. Bla ebda dubju ta' xejn is-surmast Vella jista' jgħid l-espressjoni famuża li snin ilu Charles Lindbergh, preċiżament fl-1927 wara li kien irnexxielu jaqsam l-Atlantiku (minn New York għal Pariġi) fl-ewwel *solo flight*, kien tenna: *"After me the flood!"* ("Warajja l-kotra!"). Għax fil-fatt hekk ġara, u dejjem hekk jiġri meta xi ħadd jagħmel xi kisba sinifikattiva. Dan għaliex minn meta s-surmast Vella beda joħroġ din il-mużika sagra Barokka mill-arkivji u, wara li jeditjaha jtella' kunċerti (anki dak iż-żmien bis-sehem tal-kor u s-solisti tiegħu), bl-interess tal-*German Maltese Circle*, ħafna oħrajn indunaw bis-sbuħija ta' dawn ix-xogħlijiet ta' kompożituri Maltin u komplew jesegwuhom f'kunċerti varji. Ta' min isemmi wkoll li l-kor ġie impenjat ukoll fi proġett ambizzjuż imniedi mill-*Fondazzjoni Memorja Kulturali Nazzjonali*, sabiex jirrekordja fuq CD il-fjur ta' dawn il-kompożizzjonijiet taħt id-direzzjoni tal-Prof. Vella. S'issa nħarġu 'l fuq minn għaxar CDs f'din is-serje. Għaldaqstant l-għażla tal-kor tagħna ma kinitx xi waħda aċċidentali jew ta' konvenjenza iżda esklussiva. Meta wieħed irid joħroġ ta' nies ma joqgħodx jilgħab u jesperimenta, speċjalment jekk hemm isem pajjiżu fin-nofs u f'post ta' l-ogħla prestiġju kif inhi *Les Invalides*, li hi l-qalba ta' Pariġi u l-qalb tal-Franċiżi, għax f'dan il-kumpless grandjuż hemm il-monument funebri ta' Napuljun.

Il-kunċert sar il-Ġimgħa 28 ta' Novembru. Fl-ewwel parti tiegħu ġew esegwiti wħud mix-xogħlijieit l-aktar bikrin Maltin li jixhdu għall-ġenju kreattiv Malti-Ewropew ta' l-epoka kif irrappreżentat minn Giuseppe u Domenico Balzano u Aloysius Mataron. Spikkaw is-solisti brillanti tal-kor Maria Frendo u Gillian Zammit (soprani), Antoinette Camilleri (alto) u Joseph Mercieca (tenor). Kantaw bħala soli, duo, trio u kwartett. Il-ġmiel tal-vuċijiet u l-armonija ta' bejniethom kienu eżemplari. Kif kien eżemplari s-sehem tal-kor fil-*cantatas* u fl-innu *Jesu redemptor omnium* alternat mal-Gregorjan li l-kor kanta *a cappella* bis-soltu ġmiel u perfezzjoni li aħna mdorrijin bihom waqt il-liturġija fil-bażilika tagħna. It-timbru ta' ħlewwa kbira, omoġenju u ċarissmu tal-kor seraq qalb kulħadd, kif xehdu l-applawsi mħeġġa u twal li laqgħu l-eżekuzzjonijiet, sew dawk solistiċi u sew korali. F'din it-taqsima s-solisti, il-kor u l-orkestra Barokka kienu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella. It-tieni parti tal-programm inkludiet erba' kompożizzjonijiet tal-Prof. Vella u l-kor kien taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo. Dawn ix-xogħlijiet, li huma *a cappella* (SA, SATB, SSAA, S(Solo)SSAA), ħarġu l-aqwa karatteristiċi tal-kor, fosthom l-intonazzjoni impekkabbli u s-sensitivittà interpretattiva, li laqtu immedjatament il-qalb ta' l-udjenza li wriet l-apprezzament tagħha bi *standing*

*ovation*. Wieħed ma jistax ma jsemmix il-ġawhra mużikali ta' l-*Agnus Dei* mill-*Missa Brevis* op. 40 għal sopran solo u kor b'erba' vuċijiet femminili, li kienet, kif jgħidu bl-Ingliż, *"direct hit"*. Is-solista Maria Frendo kellha toħroġ diversi drabi għall-applaws li ma ried jaqta' b'xejn u l-għajjat ta' *"Bravo, bravo"*. Il-kunċert ġie fi tmiemu bl-eżekuzzjoni ta' l-innu ta' fil-għaxija *Riesaq il-lejl, Mulejja* b'arranġament tas-surmast Vella għal erba' vuċijiet femminili. Ma kienx hemm Malti preżenti li ma qabiżlux id-dmugħ f'għajnejh hekk kif il-ħlewwa u ċ-ċarezza tal-vuċijiet saru ħaġa waħda mal-ħlewwa u ċ-ċarezza tal-versi ta' Dun Karm u s-simpatija tal-melodija ta' Ġużeppi Caruana bl-arranġament uniku ta' Joseph Vella. Mhux ta' b'xejn li l-parlamentari Maltin kienu unanimi fl-istqarrija "Għamiltuna kburin li aħna Maltin!".

Wara l-kunċert il-kor ħa ritratt tal-familja flimkien ma' l-Onor. Ministru Dolores Cristina u l-Ambaxxatriċi Dr Vicki-Ann Cremona. Sadattant f'sala mill-isbaħ biswit il-katidral ta' St Louis, fejn sar il-kunċert, ittellgħet wirja ta' xogħlijiet ta' l-arti miġjuba apposta mill-Palazz Presidenzjali fil-belt Valletta. L-awtoritajiet Franċiżi ġentilment sellfu l-famuża xabla u s-sikkina ta' La Valette li huma miżmuma fil-palazz tal-*Louvre*. Kien ta' sodisfazzjon mhux żgħir tara nies ta' kultura għolja jammiraw dawn l-esibiti Maltin li jpoġġuna fuq l-istess livell ta' kultura għolja ta' l-aqwa ċentri prestiġjużi dinjija.

Il-Ħadd 30 ta' Novembru l-kor kellu l-unur singulari li jkanta waqt il-liturġija solenni, ippreseduta minn Mons. Ġużeppi Farrugia, arċipriet emeritu u delegat tal-Konferenza Episkopali Maltija għall-UE, fil-bażilika tas-Sacre Cœur f'Montmartre. Kienet okkażjoni oħra indimentikabbli fejn il-kor tal-bażilika tagħna, bl-interpretazzjoni tal-motetti sagri ta' Palestrina, Duruflè u Perosi, ħoloq dak l-ambjent dinjituż ta' talb u fidi li huma indispensabbli għall-iżvolġiment ta' l-azzjoni sagra. Dan kien il-kumment li Mons. Thullier, ir-rettur tal-bażilika, esprima f'isem il-ġemgħa liturġika li litteralment ħonqot l-ispazju kbir ta' din il-bażilika. Waqt li s-Santissmu Sagrament reġa' ġie espost għall-adorazzjoni, il-kor kanta l-innu *'Tina l-ħlewwa* fuq arranġament (SSAA) ta' Joseph Vella. Kien tassew mument emozzjonanti għall-aħħar tisma' dak il-ġmiel ta' kant bi lsienna f'dik il-bażilika ta' l-adorazzjoni perpetwa. Ta' min jgħid li l-kor kien introduċa l-ewwel darba f'Malta f'Novembru 1987, u proprjament fil-katidral ta' l-Imdina, is-sett sħiħ ta' innijiet ta' Mons. Karm Psaila b'mużika ta' Ġużeppi Caruana u arranġament tas-surmast Vella għal erba' vuċijiet femminili.

Il-mawra kulturali tal-kor f'Pariġi kienet suċċess kbir f'kull aspett. It-temp kiesaħ iżda xott li ppersista matul l-erbat ijiem li l-kor dam f'Pariġi ppermetta li wieħed seta' jżur bil-mixi u bla problema ta' xejn il-postijiet ewlenin ta' interess. Li tgħid li Pariġi hi belt ta' kultura rraffinata u ta' stil eleganti li jsaħħrek, ma tkun għidt xejn. Trid tesperjenzaha biex tkun taf: tidħol fik u tħallik ħafna aħjar milli ssibek. Il-grupp, li kien jgħodd 'il fuq minn sittin ruħ, tassew mexa ħarir u, kif jixhdu mawriet simili fil-passat, mhux biss ma nħolqu ebda problemi għal-*leaders* iżda talli tħossok grat li tappartieni għal grupp bħal dak, fejn is-sens ta' rispett u gratitudini reċiproka hu xhieda mhux sempliċiment ta' professjonalità iżda fuq kollox ta' umanità li hi indispensabbli għal ħajja Kristjana denja ta' l-isem.

Kif is-soltu jgħidu ħbiebna ta' *"l'oltre mare"*, *"alla prossima"*.




**Dawn huma xi wħud mill-kummenti li bagħat Mons. Pascal Thuillier, rettur tal-bażilika tas-Sacre Cœur ta' Montmartre, f'ittra lill-kor *Laudate Pueri* xi jiem wara:**

> *"Ce fut un honneur et une joie d'accueillir cette belle chorale de Malte dimanche dernier. Les choristes ont enchanté nos oreilles et rehaussé notre liturgie. Il est important de manifester ainsi la catholicité de notre foi. Ce fut un bel exemple d'universalité du catholicisme au-delà des barrières de la langue".*

> "Kien ta' ġieħ u pjaċir għalija li nilqa' lil dan il-kor sabiħ minn Malta nhar il-Ħadd li għadda. Il-membri tal-kor taw gost lil widnejna u kabbru l-liturġija tagħna. Hu importanti wkoll li nuru l-Kattoliċità tal-fidi tagħna b'dan il-mod. Dan kien eżempju sabiħ ta' l-universalità tal-fidi Kattolika li taqbeż il-barrieri tal-lingwa".

Sadattant, f'kunċert *live* li ta l-kantant popolari Taljan Amedeo Minghi fit-*Teastru Astra*, is-Sibt 1 ta' Novembru 2008, l-ilħna tal-kor *Laudate Pueri* akkumpanjawh fl-interpretazzjoni tant mistennija tal-kanzunetta *Un uomo venuto da lontano*, li tittratta l-figura maħbuba tal-papa Ġwanni Pawlu II u hi fil-fatt iddedikata lilu. Il-kanzunetta, miktuba minnu stess, Minghi kien kantaha l-ewwel darba quddiem il-Papa nnifsu fl-*Aula Paulo VI* fil-25 anniversarju tal-pontifikat tiegħu.

# Eku mill-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2008

Waqt li fit-tieni ġimgħa ta' Lulju li għadda konna qed niċċelebraw il-festa tal-qaddis patrun tagħna San Ġorġ, għajnejn id-dinja kienu fuq iċ-ċelebrazzjonijiet tat-tlieta u għoxrin Jum Dinji taż-Żgħażagħ li seħħu bejn it-12 u l-21 tax-xahar f'Sydney, l-Awstralja. It-tema kienet: "Ħudu l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu" (Atti 1:8), u fil-fatt, minkejja li konna medhijin fil-festa tagħna, aħna wkoll għexna ftit mill-ispirtu ta' dan l-avveniment kbir fil-Knisja universali billi smajna l-innu uffiċjali tal-JDŻ u rriflettejna fuq din it-tema waqt iċ-*Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* organizzata mill-grupp taż-żgħażagħ *23four>>* madwar l-istatwa ta' San Ġorġ maħruġa fil-bażilika.

Hu stmat li aktar minn 223,000 żagħżugħ u żagħżugħa ltaqgħu f'Sydney flimkien mal-papa Benedittu XVI f'ċelebrazzjoni ta' ferħ b'mumenti ta' talb, katekeżi u qsim ta' esperjenzi. Fl-2005, meta dan il-Jum kien ġie organizzat f'Köln, il-Ġermanja, kienet telgħet rappreżentanza sabiħa ta' żgħażagħ tagħna flimkien ma' l-arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. Ġużeppi Farrugia. Wieħed kien jistenna li din is-sena, kemm minħabba d-distanza twila għall-Awstralja u iżjed u iżjed minħabba l-"preċedenza" tal-jiem tal-festa fil-parroċċa tagħna, ftit kienu ż-żgħażagħ minn San Ġorġ li tħajru għal esperjenza bħal din.

Imma mhux kulħadd ħasibha hekk... Martin Portelli, għalkemm m'għadux żagħżugħ fl-età, baqa' fl-ispirtu! Martin ma kienx Għawdex għall-jiem tal-festa ta' San Ġorġ għax ħalla xtutna biex, flimkien ma' oħrajn, għex l-esperjenza qawwija tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Sydney. Żgur li bħall-Maltin l-oħra li telgħu l-Awstralja għal dawn il-granet, fosthom l-arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona, Martin jista' jixhed għall-ferħ kbir fuq wiċċ l-emigranti tagħna mxerrda ma' dak il-kontinent kollu li taw merħba kbira f'darhom lill-pellegrini minn pajjiżna.

Din is-sena Mons. Alfred Xuereb, wieħed mill-egħżeż saċerdoti tagħna li ta' kull sena jkun fostna għall-jiem tal-festa, ukoll "immissja" t-tielet Ħadd ta' Lulju. Dun Alfred, kif nafuh aħna, hu wieħed miż-żewġ assistenti personali tal-Papa, u d-dmir talab minnu li jakkumpanja lill-Qdusija Tiegħu fiż-żjara fl-Awstralja għall-jiem tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, li laħqet il-qofol tagħha proprju l-Ħadd 20 ta' Lulju 2008.

Meta kienu l-Awstralja, Mons. Xuereb u Martin it-tnejn iltaqgħu ma' Emanuel Zammit, parruċċan ieħor li hu emigrat fl-Awstralja u laqa' għandu bosta żgħażagħ għall-JDŻ. Aħna tlabna lil dawn it-tlieta jaqsmu magħna xi kummenti fuq l-esperjenzi tagħhom, u qalulna hekk...



**Martin Portelli**



Kienet esperjenza qawwija ta' ferħ, għax fejn hemm nies magħqudin flimkien fil-preżenza ta' Kristu, hemm ferħ ta' veru. Laqatni ferm il-mod kif il-familji Maltin-Awstraljani laqgħu 'l-Maltin u nies anki ta' pajjiżi oħra fid-djar tagħhom, b'ħafna mħabba.

Kienet tassew esperjenza li tħeġġek, hekk kif tkun magħqud ma' dawk l-eluf ta' żgħażagħ minn kull pajjiż, ta' kull kulur u kultura, iżda li jħaddnu fidi waħda f'Sidna Ġesù Kristu. Il-Papa ħeġġeġ biex, wara li żgur li dak in-nhar l-Ispirtu s-Santu niżel fuq kull wieħed, bħal nhar Pentekoste, issa jmiss lil kull żagħżugħ u żagħżugħa li jressqu lil dawk minn fost sħabhom, li qalbhom tinsab f'deżert spiritwali, lejn Kristu. Kompla l-Papa li huwa t-talb li sa jgħinna nwettqu dan u li bl-istess talb nistgħu nagħmlu affarijiet kbar.

## Emanuel Zammit



Il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li għadu kif sar f'Sydney għalija hu l-iżjed avveniment kbir li sa nibqa' niftakar u nitkellem fuqu għal ħafna snin fil-futur. Meta tara 168 bandiera minn pajjiżi differenti fil-quddiesa tal-ftuħ, imbagħad tara mijiet ta' eluf ta' nies jilqgħu l-papa Benedittu XVI jaqsam il-port maestuż ta' Sydney biex imur jiltaqa' maż-żgħażagħ pellegrini, kif tista' ma tidħolx fl-ispirtu ferrieħi ta' dawn iż-żgħażagħ li, għalkemm ġew minn kull rokna tad-dinja, kollha jħaddnu fidi waħda?

Min qatt kien jimmaġina li f'Sydney xi darba sa nassistu għal *Via Sagra* fil-bieraħ bl-isfond ta' l-*Opera House* fuq naħa u l-*Harbour Bridge* fuq in-naħa l-oħra? Xi ngħidu mbagħad għall-mixja tal-pellegrini minn fuq il-*Harbour Bridge* sa Randwick, xi għaxar kilometri 'l bogħod, fejn kellha ssir il-velja s-Sibt fil-għaxija! Iżda jekk dan ma kienx biżżejjed, ix-xena li rajt il-Ħadd fil-għodu kmieni hekk kif wasalt Randwick, fejn kellha ssir il-quddiesa tal-Papa, kienet xi ħaġa tal-meravilja. Eluf u eluf ta' żgħażagħ raqdu barra f'dik il-lejla kiesħa xitwija biex fil-għodu jisbħu hemm għall-quddiesa. Xi ġmiel ta' quddiesa kellna l-Ħadd fil-għodu, proprju f'jum San Ġorġ, fejn hu kkalkulat li kien hemm fuq 400,000 ruħ! X'kuraġġ tħoss meta tara li dawn iż-żgħażagħ sodi fil-fidi tagħhom u tisma' lill-Papa jgħid, fost iċ-ċapċip tal-folla preżenti, li l-Knisja "hija komunità ħajja ta' mħabba, li tħaddan nies minn kull razza, nazzjon u lsien".

Ma rridx ninsa nsemmi l-grupp ta' żgħażagħ Maltin li għoġobhom jiġu minn Malta biex jattendu għal dawn il-funzjonijiet. Kienu tant eżemplari meta lqajniehom f'darna u ħabbejniehom qishom uliedna. Kellna l-okkażjoni wkoll li niltaqgħu mill-qrib mal-wisq maħbub arċisqof Pawlu Cremona, bniedem li tant hu ġentili u li tant ġibed nies warajh fil-mawra qasira li kellu hawn fostna.

Bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, kien għad fadal xi ħaġa oħra għażiża għalija f'dan il-JDŻ. Bħala Għawdxi u bħala Ġorġjan ma nistax ma nsemmix il-ferħ li ħassejt meta rajt lil Mons. Alfred Xuereb fostna. Bilkemm kien għadu rifes l-art ta' Sydney li m'għamilniex kuntatt ma' xulxin u komplejna sakemm f'jum San Ġorġ, dritt wara l-quddiesa tal-Q.T. il-Papa, iltqajna biex nieħdu *drink* flimkien, kemm biex nieħdu l-okkażjoni li kienet il-festa tal-patrun tagħna, u kemm bħala tifkira li rajna lil xulxin permezz tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li sar f'Sydney.

## Mons. Alfred Xuereb



Din hi l-ewwel żjara tiegħi fl-Awstralja, u kelli x-xorti l-kbira u l-ferħ kbir li niltaqa' mal-kuġini tiegħi li ilhom hawn madwar tlieta u għoxrin sena. Tgħidx kemm fraħna b'xulxin; dawruni fil-ftit ħin li kellna. Ħadna ħafna gost li ltqajna għaliex konna ilna s-snin ma niltaqgħu, peress li meta huma jmorru Malta biex jaraw il-familjari tagħhom jien inkun għadni Ruma. Barra l-kuġini tiegħi jien iltqajt ma' diversi ħbieb illi kont naf, minn Għawdex u minn Malta. Kien mument sabiħ ħafna li nerġa' niltaqa' wara tant żmien ma' nies illi huma familjari jew inkella li huma ħbieb antiki.

Jiena nixtieq nirringrazzja lill-Maltin u l-Għawdxin li ltqajt magħhom, imma anki lil dawk li ma ltqajtx magħhom, għall-valuri sbieħ illi għadhom iħaddnu, li rċivejna mingħand missirijietna f'Malta u f'Għawdex. Komplu ħudu ħsieb it-tfal tagħkom: għallmuhom mhux biss l-iskola, imma għallmuhom ukoll dawn il-valuri, fosthom il-fidi Kristjana. Waħda mill-affarijiet sbieħ li kont inħoss hi l-ferħ illi kien hawn fit-toroq, minħabba li min jgħix sew il-Vanġelu ferħ kbir sa jkollu!

Ħassejtni kburi ħafna meta, waqt illi konna nkunu għaddejjin bil-karozzi flimkien mal-Papa minn post għall-ieħor, nara bnadar ta' Maltin. U ħassejtni kburi waqt il-quddiesa f'Randwick nara bnadar Maltin u ngħid: "Ara, hemmhekk hemm nies li huma minn art twelidi, demm minn demmi!". Nifraħ għax ħafna mill-Maltin u Għawdxin jidhirli li qed jagħmlu ġieħ kbir, u huma apprezzati anki mill-awtoritajiet kemm ċivili u kemm reliġjużi. Tkellimt mal-kardinal Pell fuq hekk u jidher illi huwa kburi u kuntent bil-Maltin u l-Għawdxin li hawn f'Sydney, u nimmaġina li anki Melbourne, għax hu kien anki Melbourne bħala awżiljarju, u qalli: "Ibagħtulna aktar minn dawn in-nies".

# San Ġorġ: Ħamsin sena Bażilika (6)

George Francis Vella – georgefrancis.vella@gmail.com

X'inhi "l-bażilika" ta' San Ġorġ jekk mhux żerniq ġdid fil-ħajja ta' poplu li sarraf is-saram kollu tiegħu f'għotja sħiħa ta' mħabba li ma tafx tmiem? X'inhi "l-bażilika" ta' San Ġorġ jekk mhux l-ewwel moviment f'sinfonija ta' glorja li għad trid tkompli tinkiteb b'melodiji ta' l-oħla ġmiel? X'inhi "l-bażilika" ta' San Ġorġ jekk mhux it-trofew ta' rebħa illustri tat-tama fuq qtigħ il-qalb, tal-ħniena fuq is-suppervja, tal-libertà fuq l-oppressjoni, tal-ferħ fuq in-niket, ta' l-imħabba fuq il-mibegħda, tad-dawl fuq id-dlam, tat-tajjeb fuq il-ħażin?

Biżżejjed nieqfu nistagħġbu quddiem is-seħer artistiku ta' l-erba' lunetti, li minn fuqhom issaltan il-koppla grandjuża ta' San Ġorġ, sabiex nintebħu b'dan kollu. F'dawn il-biċċiet ta' arti sagra l-pittur Taljan Gian Battista Conti – bla ma jaf – ħallielna rakkont allegoriku mill-isbaħ tal-ġrajja tal-"bażilika" Ġorġjana li tikkostitwixxi l-ewwel milja fl-istorja ultra-millenarja tal-komunità Kristjana ta' San Ġorġ. Aktar minn espożizzjoni kronoloġika, l-erba' xenarji flimkien bħal donnhom iridu jsenslu l-vokazzjoni missjunarja li sa mill-bidu kienet fil-qalba tal-ħidma ekkleżjali tagħha u li ssiġillat għal dejjem iċ-ċentralità tal-knisja protoparrokkjali ta' San Ġorġ fil-ħajja soċjo-reliġjuża ta' Għawdex.

*"Caritas Christi urget nos"*, "L-imħabba ta' Kristu ssuqna" (2 Kor 5:14)... Kif jixhdu annuna d-dokumentazzjoni storika u x-xjenza arkeoloġika, il-parroċċa ta' San Ġorġ kienet l-ewwel qaddejja tal-verità evanġelika fi gżiritna. Kienet hi l-ewwel art Għawdxija li fuqha idda d-dawl ta' Ġesù Kristu; kienet hi l-ewwel ħsad tal-Kelma ta' Alla li nżergħet bil-miġja ta' Missierna San Pawl; kienet hi wkoll l-ewwel appostlu tal-Bxara t-Tajba li biddlet lil Għawdex minn santwarju pagan f'fortizza Kristjana. Xejn ma qieset b'tagħha, anzi ngħatat kollha kemm hi għall-qadi ta' l-ulied, hekk li sal-lum kollha għadhom ifittxu l-għożża materna tagħha.

*"Placebit Domino sacrificium"*, "Is-sagrifiċċju jogħġob lill-Mulej" (Mal 3:4)... Tabilħaqq qares kien il-kalċi li minnu kellha tixrob il-parroċċa ta' San Ġorġ mhux tant għaliha nfisha daqskemm għal riżq ħaddieħor. U dan għamlitu b'għażla tagħha stess, b'fidi qawwija fil-ġustizzja ħanina ta' Alla u mnebbħa mill-Iskrittura Mqaddsa: "Jekk il-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk inhu bil-għatx, isqih;... u jkun il-Mulej li jroddlok" (Prov 25:21-22).

*"Zelus domus tuæ comedit me"*, "Il-ħeġġa għal darek fnietni" (Salm 69:10)... Żgur li l-Ġorġjani ta' Għawdex ma jagħmlulux għajb lir-re David li ried b'saħħtu kollha li dar il-Mulej "tkun kbira tassew biex tkun imsemmija u mfaħħra fil-pajjiżi kollha" (1 Kron 22:5). X'ma rawx missirijietna biex jagħmlu mill-knisja parrokkjali tagħhom l-għamara li verament tixraq lill-maestà ta' Alla u li ma tieqaf qatt tgħanni l-ġieħ tal-prinċep tal-martri tiegħu?

*"Estote fortes in bello"*, "Kunu sħaħ fit-taqbida"... Inħalluha din l-għajta felħana tidwi fil-qalb imġarrba tal-poplu Ġorġjan li bħal fis-snin l-imgħoddija, imħażżem bil-mantar tal-ġustizzja u bil-qaws tas-sewwa f'idu, irid jissokta jissielet kontra t-tnassis u l-attakki ta' l-għadu ħajjen. Nagħmluha tagħna, immela, din l-għajta gwerriera għax kif fl-aħħar mill-aħħar iwissina San Pawl: "Tħallix il-ħażin jirbħek, iżda irbaħ il-ħażin bit-tajjeb" (Rum 12:21).









PIVS PP XII
LITTERIS APOSTOLICIS DIEI VI SEPT. MDCCCCLVIII
QVÆ INCIPIVNT
"MERITO DILAVDATVR"
TEMPLVM S. GEORGIO M. SACRVM
PRÆCLARVM VRBIS PRINCIPIS GAVDISIENSIS ORNAMENTVM
ANTIQVITATE CONSPICVVM
PLVRIMIS ORNAMENTIS ADAVCTVM
ACTVOSÆ FIDEI PIETATISQVE THEATRVM
AD DIGNITATEM ET HONOREM
BASILICÆ MINORIS
EVEXIT
IVRIBVS OMNIBVS AC PRIVILEGIIS
ADIECTIS.

Il-Papa Piju XII,
bis-saħħa tal-brevi appostoliċi tas-6 ta' Settembru 1958
li jiftħu bil-kelmiet *Merito dilaudatur*,
it-tempju ddedikat lil San Ġorġ martri,
żina liema bħalha tal-belt ewlenija ta' Għawdex,
magħruf għall-antikità tiegħu,
imżejjen b'ħafna opri ta' l-arti,
spettaklu ta' fidi u mħabba ħajja,
għolla għad-dinjità u l-unur
ta' Bażilika Minuri
bid-drittijiet u l-privileġġi proprji kollha.

Skrizzjoni kommemorattiva bil-Latin li tidher fuq in-naħa ta' wara tat-tintinnablu bażilikali. Maġenbha, traduzzjoni tagħha fil-Malti.




Ifraħ ja poplu tal-belt ewlenija ta' Għawdex
u tkabbar kollok ferħan bil-ġieħ xieraq
li bih ir-Ragħaj il-Kbir imsejjaħ *Angelicus*,
imqanqal mit-talbiet imressqa u mill-virtujiet kbar
tar-ragħaj mill-aktar ġust tad-djoċesi,
fil-waqt li laqa' b'idejh miftuħa
ix-xewqat tal-kleru u tal-poplu mħeġġeġ,
dan it-tempju ddedikat **lill-Imqaddes Ġorġi,**
żina mill-isbaħ tal-belt kapitali,
magħruf għall-qedem u għall-merti tiegħu,
mogħni bit-titlu u d-dinjità ta' parroċċa
sa minn qabel is-seklu sittax,
imkabbar bosta drabi tul is-snin,
kif ukoll imtella' mill-ġdid f'forma ikbar u ifjen
għal nofs is-seklu sbatax
biż-żelu, bl-għaraq u bl-għotjiet ta' missirijietna,
u, sa fl-aħħar, fi żmienna,
wara li ġew miżjuda n-navi u l-kappelli laterali,
imsebbaħ bl-ogħna opri
ta' skultura, irħam, pittura, mużajk u induratura,
bħal kieku mibni għal darb'oħra mill-ġdid,
nhar is-6 ta' Settembru 1958,
armajn xahar qabel ma ħalla din id-dinja,
żejjen bit-titlu, l-unur u d-dinjità
ta' **Bażilika Minuri**
bid-drittijiet u l-privileġġi kollha.

Skrizzjoni ċelebrattiva bil-Latin li kienet tpoġġiet fuq il-bieb ewlieni tal-knisja protoparrokkjali u arċimatriċi ta' San Ġorġ, fl-okkażjoni tal-festi l-kbar li ġew iċċelebrati fil-belt Victoria fl-10 u l-11 ta' Jannar 1959, biex ifakkru l-għoti tal-ġieħ pontifiċju ta' "bażilika" lil dan il-maqdes urban. Magħha qed tidher traduzzjoni tagħha fil-Malti.


Adam Jean-Pierre, *Roman Building. Material and Techniques*, London 1994.
Agius de Soldanis Gian Piet Franġisk, *Għawdex bil-ġrajja tiegħu*, miġjub għall-Malti minn Mons. Ġużepp Farrugia, Vol. 2, Malta 1953.
Arkivju tal-Katidral ta' Malta, *Acta Originalia* 1 (1511), f. 15.
Bezzina John, *Il-Pittura fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Storja u Tifsir*, Malta 1965.
Bonnici Alexander, *Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex*, Malta 1975.
Cocco Palmeri Davide, Digriet *Cum in prima*, 28 ta' April 1688, f'Arkivju tal-Katidral ta' Malta, *Acta Originalia* 23, f. 13r.
Dalin David G., *The Myth of Hitler's Pope. How Pope Pius XII rescued Jews from the Nazis*, Washington DC 2005.
*Gaudisien. Unionis et Administrationis pro Rev.mo Capitulo Ecclesiæ Cathedralis. Summarium*, Romæ 1909.
*Gaudisien. Unionis et Administrationis. Restrictus Responsionis cum summario additionali pro Rev.mo Capitulo Ecclesiæ Cathedralis*, Romæ 1910.
Gietman Gerhard u Thurston Herbert, *Basilica* f'*The Catholic Encyclopedia*, New York 1907.
Grech Karmenu, *Il-Knisja Arċi-Matriċi tal-Belt u l-Gżira ta' Għawdex*, Malta 1996.
*Leħen il-Belt Vittorja*, Ottubru 1958, Diċembru 1958-Jannar 1959, Frar 1959.
Marchione Margherita, *Pope Pius XII. Consensus and controversy*, New York 2002.
Marchione Margherita, *Man of Peace. An abridged life of Pope Pius XII*, New York 2004.
Mizzi Pawlu, *Dokument kontra l-għaqda tal-parroċċa tal-Kastell ma' dik tar-Rabat*, f'*Festi San Ġorġ*, Għawdex 1992, 13-39.
Mizzi Pawlu, *Il-Parroċċa ta' Għawdex. Studju soċjo-kulturali ta' epoka: 1434-1689*, Malta 1997.
Piju XII, *Merito dilaudatur templum*, f'*Acta Apostolicæ Sedis*, An. et Vol. LI (Serie III, V.I) N. 6, 1959, 323-324.
Sacro Romana Rota, *Decisio in Causa Gaudisien. Unionis et Administrationis*, Melitæ 1910.
Vitruvius, *De Architectura*.
www.adoremus.org/DomusEcclesiae.html (10 Marzu 2008).








Rev. Anton Mizzi

# Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja tal-Knisja

Ftit tax-xhur ilu, preċiżament bejn il-5 u s-26 ta' Ottubru 2008, ġie mlaqqa' s-Sinodu ta' l-Isqfijiet fil-Vatikan bit-tema *Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja*. L-għan ewlieni kien biex jistudjaw sew kif jistgħu jitfasslu proposti konkreti ħalli l-Kelma ta' Alla tidħol aktar fil-ħajja ta' kuljum tan-nies. Iktar milli xi diskussjoni ta' natura duttrinali, il-ħsieb tas-sinodu kien pjuttost pastorali, bil-ħsieb li jinkuraġixxi aktar b'mod ġenerali l-qari ta' l-Iskrittura Mqaddsa u, permezz ta' għajnuniet u inizjattivi prattiċi, iwassal biex jiffavorixxi l-pastorali biblika u l-kuntatt dirett mal-Kelma ta' Alla.

**Il-Konċilju Vatikan II**

Irridu nfakkru f'dan ir-rigward dak li kien ġie propost fl-1965 fil-Konċilju Vatikan II bil-kostituzzjoni dommatika *Dei Verbum*, fil-kapitlu sitta li jittratta l-Iskrittura Mqaddsa fil-ħajja tal-Knisja. Qabelxejn jafferma li l-Iskrittura, "għax hija ispirata, hija tassew Kelma ta' Alla" (24). Il-Konċilju awgura wkoll li jkun hemm aktar għarfien ta' l-Iskrittura sabiex il-preżenza tagħha tkun dejjem aktar ħajja fil-komunità ekkleżjali u fil-ħajja ta' kull Kristjan. Fil-fatt jinsisti "biex hekk għadd kemm jista' jkun kbir ta' ministri tal-Kelma ta' Alla jistgħu bi frott iressqu quddiem il-poplu ta' Alla l-ikel ta' l-Iskrittura li jdawwal l-intelliġenza, isaħħaħ ir-rieda, jixgħel il-qlub tal-bnedmin bl-imħabba ta' Alla" (23). Minbarra li l-Iskrittura tkun "bħar-ruħ tat-Teoloġija mqaddsa", hija għandha firxa aktar wiesgħa fuq livell ta' smigħ, tant li d-dokument jgħid li "l-ministeru tal-Kelma wkoll, jiġifieri l-predikazzjoni pastorali, il-katekiżmu u t-tagħlim Kristjan kollu, li fih l-omelija liturġika għandu jkollha post ipprivileġġjat, isib ikel tajjeb fil-kelma ta' l-Iskrittura u jissaħħaħ biha fil-qdusija" (24).

**Il-qagħda l-lum**

Wieħed jistaqsi jekk din il-familjarità ma' l-Iskrittura tant mixtieqa mill-Konċilju ntlaħqitx. Żgur li hawn aktar kopji tal-Bibbja fl-idejn bi traduzzjoni fil-lingwa tal-pajjiż, ħaġa li ma kinitx possibbli f'pajjiżna sa ftit qabel il-Konċilju. Hemm aktar preżenza tal-Kelma ta' Alla fil-katekeżi, u bir-riforma liturġika għandna aktar qari ta' testi mill-Bibbja fil-liturġija. B'mod frekwenti jsiru korsijiet jew lezzjonijet marbutin mal-Bibbja fuq livell parrokkjali jew djoċesan, għalkemm in-numru ta' l-attendenza mhux dejjem ikun numeruż. Il-lum qed nassistu aktar għar-riskoperta tal-qari tal-Bibbja msejsa fuq it-tradizzjoni monastika permezz tal-*Lectio Divina*. Minkejja dan kollu, il-parti l-kbira ta' dawk li huma mgħammda m'għandhomx kuntatt jew qari sistematiku u korrett tal-Bibbja. Ħafna drabi jiltaqgħu mal-Kelma ta' Alla billi jikkuntentaw biss bil-Quddiesa tal-Ħadd.

**Ir-rabta bejn il-Kelma ta' Alla u l-Knisja**

Il-Kelma ta' Alla hi realtà divina li għandha tiġi kkomunikata bħala "l-Kelma ħajja" (Fil 2:16) u li twassal għas-salvazzjoni lil dawk li jilqgħuha meta hi mħabbra lilhom (Rum 10:8s). Din il-predikazzjoni tal-Kelma titwettaq mill-Knisja li fin-natura tagħha għandha twettaq din il-missjoni (*Guadium et spes* 89). Il-Knisja bħala l-ġisem mistiku ta' Kristu tkompli timmanifesta l-preżenza ta' Kristu, il-Kelma inkarnata, u fl-istess waqt tipprolunga l-azzjoni tiegħu. Mela fejn hemm il-Knisja hemm Kristu, hemm il-Kelma ħajja. Dan ifisser li l-Knisja għandha rabta li ma tinħallx mal-Kelma għaliex filwaqt li tħarisha u xxandarha, tagħmilha ħajja u attwali. Għalhekk meta l-Knisja, taħt l-influss ta' l-Ispirtu s-Santu, tipproklama l-Iskrittura, "permezz tiegħu l-leħen ħaj ta' l-Evanġelju jinstema' fil-Knisja, u permezz tagħha fid-dinja jwassal lil dawk li jemmnu għall-verità sħiħa u jagħmel li l-Kelma ta' Kristu tgħammar fihom fl-għana kollu tagħha" (DV 8). Il-mument l-aktar għoli tal-proklamazzjoni ekkleżjali tal-Kelma jilħaq il-milja tiegħu fiċ-ċelebrazzjoni liturġika, b'mod speċjali fl-Ewkaristija, għaliex jispikka l-karattru salvifiku: "Hi qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni" (Rum 1:16).



**Il-poplu ta' Alla bħala assemblea liturġika**

Kull azzjoni sagra, jekk hija azzjoni liturġika, għandha dimensjoni komunitarja. Meta diversi persuni qed jiltaqgħu flimkien f'post u ħin iddeterminat biex jaġixxu flimkien f'azzjoni liturġika, allura għandna assemblea kultwali. Bħala assemblea Kristjana għandha bħala punt ta' riferiment il-kelmiet ta' Ġesù: "Għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom" (Mt 18:20). Iżda l-għeruq ta' l-assemblea Kristjana bħala Knisja huma marbuta mal-kelma Griega *ekklesia* (użata fil-verżjoni Griega kemm tat-Testment il-Qadim u kemm tat-Testment il-Ġdid), li tittraduċi l-kelma Għebrajka *qahal* (li tfisser assemblea, ġemgħa). Hekk il-poplu Lhudi jinġabar f'riġlejn il-muntanja Sinaj bħala *"qahal Yahweh"* (Dewt 23:2-4: il-ġemgħa tal-Mulej) biex jisma' l-Kelma ta' Alla (Eż 19:17; ara wkoll Dewt 4:10 fejn għandna s-sejħa biex il-poplu jinġabar: "Iġmagħli l-poplu u nsemmgħalhom kliemi"). Mela l-poplu ta' Israel bħala komunità ta' Jaħweh jinġabar biex jisma' l-Kelma ta' Alla u jiċċelebra l-kult (ara Neħ 8:2,9). Mela l-assemblea Kristjana għandha l-għeruq fil-mudell tal-poplu Lhudi. Iżda issa għandha patt ġdid bil-kelma ta' Ġesù fl-Aħħar Ċena (Lq 22:20). Fil-Qawmien tiegħu Ġesù kompla jipproklama u jinterpreta l-Kelma tiegħu (ara Lq 24:27,44s) u bil-ġrajja tal-Pentekoste, wara li l-kotra nġabret biex tisma' l-kelma ta' Pietru (Atti 2:5-40), għandna l-mudell ta' kull assemblea Kristjana li "jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-Appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" (Atti 2:42).

**Il-proklamazzjoni tal-Kelma fil-liturġija**

Il-liturġija hija l-post l-aktar adattat għall-proklamazzjoni u l-interpretazzjoni ta' l-Iskrittura. Hi konvinzjoni tal-Knisja li Kristu hu dejjem magħha "fuq kollox fl-azzjonijiet tal-liturġija" u "meta fil-Knisja jinqraw il-Kotba Mqaddsa" (*Sacrosanctum Concilium* 7). Mismugħa fil-liturġija, l-Iskrittura hija mqabbla mal-mejda Ewkaristika bħala Ħobż tal-ħajja li jmantni (DV 21). Il-ftuħ tat-teżori tal-Bibbja li għamel possibbli li jinqraw aktar min-nies (ara SC 51), iwassal biex it-talb u l-kant ikollu togħma biblika. Il-qofol ta' l-espressjoni tat-talba biblika nsibuh fil-Liturġija tas-Sigħat li tiġbor fiha mhux biss salmi u siltiet oħra bibliċi imma wkoll testi oħra liturġiċi ispirati mill-Kotba Mqaddsa. Irridu nifhmu, għalhekk, l-importanza ta' l-Iskrittura Mqaddsa fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija; għaliex dak kollu li jsir fiha jkun imnebbaħ mill-Iskrittura stess. Għalhekk il-proklamazzjoni ta' l-Iskrittura, għalkemm imwassla permezz tal-leħen uman, għandha ssir bl-akbar attenzjoni u dinjità li jistħoqqilha bħala Kelma ta' Alla (ara 1 Tess 2:13) kif ukoll bit-tifsira tagħha l-aktar fl-omelija.

**Ambiti oħra tal-Bibbja fil-Knisja**

Fil-ħajja tal-Knisja jeżistu modi oħra ta' kif titwassal il-Kelma ta' Alla. Insemmu l-ewwel il-katekeżi li



għandha tkun mogħnija sew bl-għajn ħajja ta' l-Iskrittura (ara DV 24). It-tagħlim Kristjan, li fih jiġu mgħallma l-veritajiet ewlenin tar-reliġjon Kristjana, għandu jkollu bħala punt ta' tluq dak li jgħidulna l-Kotba Mqaddsa fuq il-pjan divin kif muri fil-ġrajjiet kollha ta' l-istorja tas-salvazzjoni. Eżempju ta' dan hu l-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* maħruġ mill-papa Ġwanni Pawlu II fl-1992.

Preżenza oħra tal-Bibbja fil-Knisja hija dik tal-*Lectio Divina* li sa mill-antik kienet teżisti b'metodi differenti l-aktar fl-ambjenti monastiċi. Taħt l-influss ta' l-Ispirtu s-Santu li, kif wiegħed Ġesù, "iwassalkom għall-verità kollha" (Ġw 16:13), is-smigħ tal-Kelma ta' Alla jiġi aktar approfondit fi stadji varji permezz tal-meditazzjoni, it-talb u l-kontemplazzjoni. Dan il-mod ta' qari tal-Bibbja, li jista' jsir kemm fuq livell personali u kemm komunitarju, għandu dejjem jitmexxa skond interpretazzjoni korretta sabiex jiġu evitati fehmiet soġġettivi inkonċiljabbli. Anzi din għandha twassal biex ikun hemm bidla interjuri fil-moħħ u l-qalb u tikber b'qawwa l-imħabba lejn il-Kelma ta' Alla.

Insemmu wkoll l-importanza ta' l-Iskrittura fid-djalogu ekumeniku u inter-reliġjuż. Niftakru li t-Testment il-Qadim hu patrimonju reliġjuż mhux biss għall-Kristjani iżda wkoll għal-Lhud, il-poplu tal-Patt il-Qadim. Ma jonqsux l-isforzi ekumeniċi mal-Kristjani mifrudin, Protestanti u Ortodossi, biex permezz tal-Kelma ta' Alla jfittxu aktar l-għaqda bejniethom. Il-lum isiru aktar sforzi biex jitfasslu traduzzjonijiet interkonfessjonali tal-Bibbja. Id-djalogu jista' wkoll jitkompla mbagħad fuq livell kulturali biex nifhmu ċ-ċiviltà tagħna ispirata mill-Bibbja fl-aspetti varji tagħha (artistika, filosofika, etika, letterarja, u l-bqija) u anki interkulturali li fih il-Bibbja tkun il-kuntest għal djalogu mad-dinja lajka u reliġjonijiet oħra.

Bħala l-aħħar kelma rridu nfakkru li l-Bibbja hi dejjem aktar magħrufa bħala l-kodiċi l-kbir tal-kultura Oċċidentali u għandha importanza anki għal dawk li ma jemmnux. Imma għalina li nemmnu, fuq il-linja ta' tixbihat bibliċi, il-Kelma ta' Alla hija fertili bħal żerriegħa li tinbet jew ix-xita li ssaqqi l-art biex trodd il-frott, hi ħelwa għal min iduqha, b'qawwa li tippenetra bħal xabla b'żewġt ixfar, iżda għandha l-ħajja li twassal għas-salvazzjoni dejjiema.

# San Ġorġ fl-istampa

Minn żmien għal żmien nieħdu gost infakkru lilkom il-qarrejja f'pubblikazzjonijiet lokali kif ukoll internazzjonali fejn tissemma l-parroċċa ta' San Ġorġ. Hu interessanti li jekk wieħed iqalleb l-ixkafef tal-kotba-gwida għat-turisti, u dan mhux biss fil-libreriji Maltin imma wkoll fi ħwienet tal-kotba barra minn Malta, isib li l-bażilika tagħna tingħata prominenza fost il-postijiet ta' interess li t-turisti jiġu mħajra jżuru f'Malta u Għawdex. Spiss issib xi ritratt attraenti bil-kulur ta' dik li hi magħrufa ma' kulħadd bħala l-*"Golden church of Gozo"*.

Imma qrib il-festa f'Lulju li għadda tfaċċaw ukoll tliet pubblikazzjonijiet prestiġjużi li fihom il-bażilika ta' San Ġorġ kellha spazju konsiderevoli ddedikat lilha. Qabelxejn, għal darb'oħra, ir-rivista *Let's Gozo*, imqassma f'ħafna mid-djar tal-gżejjer tagħna bl-għan waħdieni li tippromovi t-turiżmu lejn il-gżira tagħna, reġgħet tatna artiklu interessanti li jitkellem fit-tul fuq il-bażilika ta' San Ġorġ. Din il-pubblikazzjoni, maħruġa kull xahar mill-Awtorità Għawdxija għat-Turiżmu, issa saret popolari ħafna ma' niesna, u ssib fil-fatt ħafna Għawdxin li wkoll jinteressaw ruħhom li jaqrawha, għalkemm oriġinarjament kienet maħsuba għall-Maltin! Fil-ħarġa nru 16 George Camilleri jitkellem għal San Ġorġ f'rapport mifrux fuq tliet paġni (9-13) fuq iż-żewġ festi tar-Rabat, li jġib l-isem *A passion running high*. Mill-mod kif hu ppreżentat l-artiklu u r-rikorrenza insistenti għall-festa ta' San Ġorġ wieħed jifhem kif din il-festa, bil-kwalitajiet kollha tagħha, hi ppreżentata minn *Let's Gozo* bħala dak li hi: mudell eċċellenti ta' festa Għawdxija. L-artiklu fih ukoll ritratti sbieħ ta' Joe Attard mill-festa tas-sena l-oħra.

Wieħed ma jistax isemmi, sintendi, il-kummenti pożittivi kollha li dehru kważi f'kull ġurnal lokali wara l-festa ta' San Ġorġ 2008. Biżżejjed nirriferu għal artiklu miktub mid-deputat mexxej għall-affarijiet tal-Partit Laburista Malti, Dr Toni Abela, fuq waħda mill-ħarġiet tal-ġurnal *l-orizzont* ta' wara l-festa, fejn ifisser il-pontifikal li attenda għalih nhar San Ġorġ bħala "splużjoni ta' kultura, arti, serjetà mimlija reqqa, attenzjoni u dettaljata".

Il-pubblikazzjoni l-oħra li nsemmu hi r-rivista Kattolika Ingliża *Catholic Life*, li toħroġ kull xahar mill-*Gabriel Communications Ltd*, l-istess kumpanija li għal min hu familjari mal-media Kattolika Ingliża jaf li tistampa ta' kull ġimgħa l-ġurnal imsemmi *The Universe*. Il-*Catholic Life* hi rivista sabiħa ħafna, kollha bil-kulur, u dejjem

58 | Feature — THE SUNDAY TIMES | September 28, 2008

## St George's 'Basilica': the legacy of a glorious Christian past

**George Francis Vella**

The apostolic decree *Merito Dilaudatur Templum* of September 6, 1958, made history. It ruefully drew a veil over bygone ecclesiastical misdeeds and profusely extolled the time-honoured standing of St George's parish church in Victoria.

It was Bishop Joseph Pace (1890-1972) who bravely took up the cudgels on behalf of St George's. Following the dissolution, in 1955, of union that had subjugated this town parish to the cathedral church since 1689, Mgr Pace made up his mind to submit a zealous petition to Pope Pius XII to elevate St George's church to the status of 'basilica'. This request was duly acknowledged and the issue of the Papal edict ensued accordingly *"de speciali mandato Sanctissimi"*, that is, by special order the Pope.

There were three core issues that compellingly prompted the Apostolic See to acquiesce to the bishop's entreaty and that also feature prominently in the Papal bull: the illustrious history of the parish, its outstanding pastoral ministry, and its inspiring sacred beauty.

St George's Basilica stands as a splendid testimonial to the







# Churches of Malta part 8
## St George's Basilica, Victoria, Gozo
by Patrick Greenwood

It was ten to seven on a Thursday morning when I arrived at Rabat, or Victoria as Gozo's administrative centre is called, looking for St George's Basilica. I immediately realised I was on a very Catholic island. It reminded me of southern Italy with bells ringing and loads of churches. Yet it was different! Folk were speaking their own version of Maltese, a Semitic language, which sounded more like Arabic to me.

I parked the car just off It-Tokk, the square that leads to St George's and which is where hawkers sell their wares in an open air market that has almost a middle-eastern flavour, without that oriental distinctive smell of herbs and spices, but is not quite central European either. It is Maltese! No, Gozitan. Gozo has its very own identity. Even when it comes to the day to day administration of the government, Gozo has member of the Maltese cabinet, and Gozo Gozo and needs to be treated as such!

There was a man putting out heaps of brassware and copperware to sell from outside his shop. There was a parking notice in English saying that you can only park for 90 minutes. I displayed my cardboard clock and stopped at Santa Savina Square. A priest passed by in his cassock. There was a church there and perpetual Adoration of the Blessed Sacrament. I walked in and a couple of dozen folk, men and women, of all were there praying.

We said some prayers and then went looking for breakfast. I was told to ask for the King George VI bar, and found it quickly, but it did not open until eight. We settled for The Coney Island Bar. At the door there was a notice in Maltese saying that the day after was the First Friday of the month, and reminding people to go to Mass on that day.

The bar itself, with its arrangement of tables and benches, was set out more like a modest refectory in an obscure Capuchin friary than a 'bar'. On the wall, however, there were royal coats of arms from colonial days when Malta and Gozo were still British colonies. The friendly owner welcomed us in, offering us 'pastizzi', flaky pastry parcels with peas and onions or ricotta cheese in them selling for 20p each! We asked for some toast instead and a cup of tea. A few minutes later the same friendly gentleman arrived with a ham and cheese toasted sandwich and a glass of tea each. Despite the strong euro and the weak pound, that was a very reasonable £1.70 for the two of us.

St George's h been described as the Golden Church Gozo. I say façade which goes back to 1818, looks golden but the inside of the church is utter splendour and sheer magnificence. Beautiful marble altars, unique bronze craftsmanship, wonderful silver plate and a baroque organ make this church a treasure throve of sacred art




tkun mimlija b'artikli interessanti fuq il-ħajja Kattolika, prinċipalment dik Brittanika. Filfatt issibha mqassma fid-daħla ta' ħafna knejjes fir-Renju Unit. Issibilha wkoll xi sensiliet ta' xeħta universali, bħalma hi dik li qed tidher fil-ħarġiet ta' din is-sena fuq knejjes Maltin. Fil-ħarġa ta' Awwissu, fit-tmien artiklu f'din is-sensiela tal-korrispondent Patrick Greenwood, mifrux fuq paġni 40 u 41, l-awtur ifisser lill-qarrejja xi ftit mill-ġmiel tal-bażilika tagħna li hu jsejjaħ *"a treasure throve of sacred art and Christian culture"*. Greenwood jissokta l-artiklu tiegħu b'aktar tagħrif interessanti fuq l-istorja li biha hi mogħnija l-knisja protoparrokkjali tar-Rabat, akkumpanjat minn żewġ ritratti, wieħed tal-faċċata antika tal-bażilika u l-ieħor tagħha minn ġewwa, bit-tribuna ta' Pisi tiddomina.

Anki l-edizzjoni ta' Ġunju 2008 tar-rivista *Geographical*, maħruġa mir-*Royal Geographical Society*, ippubblikat fost l-oħrajn ritratt ta' l-inħawi tal-belt il-qadima ta' Għawdex flimkien ma' artiklu ta' Victor Paul Borg f'paġni 62 u 63 fuq il-gżira Għawdxija. Li jolqotna l-iżjed hu ritratt artistiku li jidher malli tiftaħ l-ewwel paġna tar-rivista, maġenb il-werrej tal-ħarġa, li juri n-niċċa ta' San Ġorġ fl-inħawi magħrufa bħala San Ġorġ tal-Ħaġar, sewwasew fiċ-ċentru storiku tal-gżira.

Diġà semmejna fl-aħħar ħarġa ta' din ir-rivista żewġ artikli kbar, wieħed bil-Malti u l-ieħor bl-Ingliż, li ġew ippubblikati, fi spazju ta' ħmistax bejniethom, fuq żewġ ġurnali prominenti lokali. Dawn huma l-artiklu ta' George Francis Vella *St George's "Basilica": the legacy of a glorious Christian past* ippubblikat f'*The Sunday Times* tal-Ħadd 28 ta' Settembru 2008 u l-artiklu ta' Francesco Pio Attard li deher f'*Il-Mument* tal-Ħadd 12 ta' Ottubru bl-isem *Meta "San Ġorġ" ta' Għawdex sar bażilika.* Barra dawn iż-żewġ kontribuzzjonijiet storiċi, li m'hemmx għalfejn inżidu wisq fuq kemm ġew innutati u moqrija, dehru wkoll biċċiet żgħar ta' l-istorja fuq ġurnali oħra, kollha marbuta mal-ġrajja ta' l-anniversarju tal-bażilika. Diġà f'*l-orizzont* ta' l-24 ta' Ġunju 2008 kien deher artiklu ta' George Borg bl-isem *Il-50 sena tal-bażilika ta' San Ġorġ*, li fetaħ it-triq għal ruxxmata ta' tagħrif ieħor. Fost l-oħrajn, ittra ta' l-arċipriet emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia fuq il-figura kontroversjali tal-papa Piju XII, f'*The Times* tad-9 ta' Ottubru, bl-isem *Pope Pius: A towering European saint*, ukoll qanqlet ħafna interess. Ma' din l-ittra l-ġurnal ippubblika wkoll ritratt antik tat-tubru li kien intrama fil-bażilika ta' San Ġorġ fl-okkażjoni tal-mewt ta' Piju XII ħamsin sena ilu.

Interessanti ngħidu li spiss fil-media barranija, mhux dejjem informata biżżejjed, San Ġorġ insibuh jissejjaħ "katidral". Dan hu l-każ, ngħidu aħna, ta' l-atlas popolarissmu *Google Earth* fuq l-internet, li minnu wieħed jista' jkollu dehra mill-ajru tal-postijiet kollha fid-dinja permezz ta' l-għajnuna ta' ritratti aġġornati mis-satellita. Meta fittixna l-bażilika ta' San Ġorġ u l-inħawi ta' madwarha, x'imkien sibniha indikata bħala "katidral". Forsi għax xħin tidħol fiha veru tħossok irfist f'wieħed!

# Rokna għat-Tfal



Għeżież tfal,

Kif intom sejrin mal-vaganzi tal-Milied! Il-Milied hu żmien sabiħ u rridu nagħrfu ngawduh. Ċert li lkoll kemm intom għamiltu l-presepju d-dar jew xi xbieha tal-Bambin li twieled għalina fl-għar ta' Betlehem. Ċert li ddubbajtu xi rigal dawn il-ġranet. Lil Ġesù Bambin tajtuh xi wieħed? L-isbaħ rigal li tistgħu tagħtuh, fil-fehma tiegħi, hu li d-dar tkunu dejjem ubbidjenti u tagħmlu dmirkom bir-reqqa u bil-għaqal.

Qegħdin noqorbu lejn tmiem din is-sena. Ejjew inħarsu waħda lura u naraw fejn morna żmerċ u nagħmlu proponiment biex għal li ġej nagħmlu ħilitna biex ngħixu dejjem skond il-qalb ta' Alla, nirrispettaw lill-ġenituri tagħna, lis-superjuri tagħna, lill-għalliema tagħna u lil dawk kollha li jridulna l-ġid. Dalwaqt jitgerrbu l-jiem u nsibu ruħna fi żmien il-Karnival; u tinsewx, mal-Karnival jaslu l-eżamijiet ta' nofs is-sena skolastika. Nittama li matul ix-xhur li għaddew għamiltu xogħolkom sew, għax tinsewx x'jgħid il-Malti: "Li tiżra' taħsad". Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd, u kif jgħaddi l-Karnival ifeġġ fuqna żmien ir-Randan, u dan ikun ifisser li s-sena skolastika tkun riesqa lejn it-tmiem.



Importanti mela li issa tgawdu l-ftit vaganzi li fadlilkom u mbagħad tiddeċiedu li tmiddu għonqkom għax-xogħol. Bħalissa dmirkom hu biss li tistudjaw bis-serjetà. Miniex qed ngħid li ma tistriħux u ma tiddivertux xi ftit ukoll, imma *"first things first"* jgħidu l-Ingliżi, u allura importanti li tagħtu l-importanza kollha lill-*homeworks* li jkollkom u ssibu ħin biex taqraw mhux biss il-kotba ta' l-iskola imma kotba oħra biex twessgħu l-orizzonti tagħkom. Agħmlu użu mil-librerija tal-Vajringa u ta' fejn San Franġisk.

Sa nieqaf hawn, għax ma rridkomx tgħidu li qed nagħmlilkom il-priedki. Imma jien nieħu gost ngħidilkom kelma ta' ġid, għax intom għadkom tfal u mhux dejjem taraw fil-bogħod. Jien irridilkom il-ġid. Inselli għalikom u nawguralkom jiem sbieħ u ta' fejda. Ċaw.

*Iz-Ziju Joe*



# Qaddisin "Ġorġjani" (18)

*Kitbu fuq il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-tempju ddedikat lilu.*

**Antoine Vassallo** – vasanti@waldonet.net.mt

## Il-beatu Ġorġ Várgas González

(tifkira liturġika fl-1 ta' April)



Bosta kienu l-Kristjani, mhux neqsin il-lajċi, li sofrew il-martirju fil-Messiku fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Fil-fatt fl-1917 iddaħħlet kostituzzjoni ġdida, imsejsa fuq prinċipji antiklerikali, li wasslet għal persekuzzjoni reliġjuża mill-eħrex: il-Gvern ireaġixxa bl-agħar mod għall-fatt li l-episkopat Messikan ikkritika din il-bidla. Imbagħad taħt il-president Calles mill-1926 il-biċċa saret iktar "ċara": tkeċċew il-qassisin barranin u ngħalqu l-iskejjel u opri oħra tal-Knisja. Il-poplu (mingħajr ma ndaħal direttament il-kleru) ħassu obbligat jiddifendi l-libertà reliġjuża, anki bl-armi. Hekk bdiet gwerra ċivili, magħrufa bħala tal-*"movimiento cristero"*. Il-ġerarkija ma setgħetx taqbel ma' dak li jmur 'l hemm mir-reżistenza paċifika; iżda xi saċerdoti saħansitra ħadu sehem fil-ġlied, barra l-ħidma pastorali normali għall-kura ta' l-erwieħ. Ilkoll kienu jafu li, hekk jew hekk, qegħdin jipperikulaw ħajjithom! U diversi huma l-martri minn dawn is-snin li l-papiet għollew għall-qima ta' l-altari.

Wieħed minn dawn il-lajċi kien Jorge (Ġorġ bl-Ispanjol, il-lingwa tal-pajjiż), li ġie bbeatifikat, flimkien ma' oħrajn minn sħabu, fl-20 ta' Novembru 2005 fi Guadalajara waqt ċerimonja mmexxija mill-kardinal José Saraiva Martins.

Twieled fl-istat ta' Jalisco fl-1899: missieru Antonio kien tabib irrispettat. Dan, wara xi snin, ħa 'l-familja lejn Guadalajara, fejn kellhom iduqu iktar mill-qrib is-sitwazzjoni mwiegħra tal-Kristjani. Il-ġenituri – l-omm kien jisimha Elvira Gonzales – rabbew lil uliedhom (ħdax, sitta minnhom subien) fuq l-aqwa prinċipji. Barra min hekk ta' spiss żammew qassisin u seminaristi moħbija f'darhom. Dan l-indirizz – numru 405 tat-triq Mezquitán – għadu magħruf sew u jħobbu jmorru "pellegrinaġġ" 'l hemm. Insemmi wkoll li Antonio kien ħa ħsieb, bla ħlas, tal-midrubin waqt id-difiża tas-santwarju ta' Guadalajara f'Awwissu 1926.



Jorge ggradwa mill-università bħala inġinier u daħal mal-kumpanija idroelettrika. Bħala membru ħabrieki fl-Azzjoni Kattolika ma kienx jibqa' lura li joffri ħidmietu. Lil Dun Lino Aguirre (wara sar isqof), għall-kenn fil-kamra miegħu, qallu li m'hux xieraq li jmur waħdu fuq il-ministeru sagramentali sigriet tiegħu: "X'tagħmel jekk jiġrilek xi ħaġa? Noqgħodlok jien wara spallejk!". Minn dak in-nhar beda, bilġri bilġri wara x-xogħol, jitlaq fuq ir-rota jakkumpanjah, biex bħal speċi jħarsu minn xi attakk.

Fl-għodwa ta' l-1 ta' April 1927 il-pulizija dawret id-dar u arrestat lil kull min sabet hemm: Jorge, żewġ ħutu oħra u ommhom. Ħaduhom il-ħabs, bl-akkuża li kellhom għandhom qassis imfittex. Ma kienu qed jistennew l-ebda ħniena; anzi qalbu donnha ħebritu li ma kinux sa jeħilsuha, għax stqarr li kien iddispjaċut li sa jitlef tqarbina fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar! Wara interrogazzjoni mimlija torturi, ħarġu lil Jorge (u tlieta oħra: ħuh iżgħar, Ramón, Luis Padilla Gómez u Anacleto González Flores, li nista' niddeskrivih bħala l-mexxej tagħhom) għall-fuċilazzjoni. L-erbgħa talbu b'vuċi soda l-Att ta' l-Indiema bi tħejjija għall-mewt: Jorge miet iross Kurċifiss ma' sidru.

Kuġinuh, l-avukat Pancho González Núñez, irsista ma' l-ispettur tal-pulizija biex jingħata l-iġsma għad-difna. Sadattant l-aħbar tal-mewt xterdet mal-belt u xmara ta' nies marret id-dar, fejn sabu lil Elvira b'kuraġġ ta' sur tħeġġeġ lill-oħrajn: "Dmir l-omm hu li twassal 'l uliedha lejn is-Sema; ġa għandi tlieta!" (għax kienet għadha ma tafx li liż-żgħir ħelsuh). Il-missier kien iżid: "Ma rridx kondoljanzi; anzi ifirħuli għall-grazzja li għandi tnejn minn uliedi martri!". Matul il-lejl kollu mijiet għaddew minn hemm b'devozzjoni, jitolbu u jmissu ma' l-erba' martri domni u kuruni biex jitbierku. L-għada folla bla għadd akkumpanjat il-funeral "fi spirtu ta' trijonf" (kif ġie mfisser dak iż-żmien).

# Pjazza San Ġorġ imdawla bħall-Bażilika



Idea ta' wieħed mid-disinni għall-proġett tad-dawl bħala parti mit-tiġdid ta' Pjazza San Ġorġ li għaddej bħalissa. Id-disinn tad-dawl ġie kkummissjonat lit-Taljan Stefano dall'Osso, l-istess wieħed li fl-2006 ġie kkummissjonat il-proġett ta' illuminazzjoni ġdida għall-bażilika ta' San Ġorġ. (Ħajr: Kunsill Lokali Belt Victoria)

## Fil-ħarġa li jmiss

50 1958-2008 BAŻILIKA

***Facsimile***
**tal-ħarġa speċjali ta'**
***Leħen il-Belt Vittorja***
**ta' Diċembru 1958-Jannar 1959,**
**fl-okkażjoni tal-festi ta' l-għoti**
**tal-ġieħ ta' Bażilika lil San Ġorġ**

Suppliment

